MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Numru 905/2013

**Artikoli 48A, 183, 184, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9,**

**Artikoli 22(1) u 22(2) tal-Kapitolu 258**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**MICHELLE AQUILINA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **MICHELLE AQUILINA**, ta’ 23 sena, bint Alfred u Victoria nee’ Debono, imwielda Pieta, fis-16 ta’ Novembru, 1989, u toqghod f’Flat 2, The Emerald, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 537189 (M) u akkuzata talli f’xi granet, matul Gunju u Lulju 2013, f’dawn il-Gzejjer, assocjat ruhha ma’ persuna jew persuni f’Malta bil-ghan li taghmel reat, u dan billi:

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta’ haddiehor, ta’ aktar

minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhuz aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO u/jew Julianne Grima u Jessica Fenech;

2. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. U aktar talli kellha fil-pussess taghha, jew ghamlet uzu, jkun xi jkun minn xi dokument tal-identita', meta ma kinitx detentrici tal-karta tal-identita' jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega tal-att dwar il-Karta tal-Identita u dokumenti ohra tal-identita' jew ta' xi ligi ohra;

5. U aktar talli gie fil-pussess taghha xi dokument tal-identita' mahrug lil xi persuna ohra, u ma kkonsenjatux jew baghtitu minnufih lid-detentrici tieghu jew lill-ufficjal awtorizzat.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata, fedina penali u l-istqarrija tal-imputata datata 11 ta' Awissu, 2013.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 27 ta' Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghat terga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni

taghha giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Gunju, 2014.

Illi seduta stante l-imputata ddikjarat illi hija waslet fi ftehim mas-socjeta’ Go u fil-fatt esebiet kopja ta’ dan l-istess ftehim fl-atti minnfejn jirrizulta illi hija ntrabtet illi thallas il-pagament ta’ 1348 euros dovut lis-socjeta’ Go f’ammonti mensili u konsekuttivi ta’ mitejn ewro (€200). Illi fil-mori ta’ din il-pendenza hija diga’ hallset l-ammont ta’ sitt mitt ewro u l-bilanc ghalhekk illum dovut lis-socjeta’ Go huwa fl-ammont ta’ seba’ mija u erbghin ewro (€740).

Illi dan il-fatt gie konfermat minn Charmaine Galea Triganza bhala rapprezentant tas-socjeta’ Go u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li apparti dan l-ammont ta’ flus is-socjeta’ ma soffriet l-ebda danni materjali ohra.

Il-Qorti rat illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghalhekk ghandha tigi trattata daqs li kieku hija a *first time offender*.

Rat ukoll minn ezami tal-istatement rilaxxat minnha nhar il-11 ta’ Awissu, 2013 hija kkooperat mal-Prosekuzzjoni tul din l-investigazzjoni kollha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghha u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 48A, 183, 184, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 22(1) u 22(2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputata MICHELLE AQUILINA hatja tal-akkuzi u tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------